# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

18 ta' Lulju 2007 *

Fil-kawża C-288/05,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 35 UE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Lulju 2005, fil-proċeduri kriminali kontra

**Jürgen Kretzinger,**

fil-preżenza ta':

**Hauptzollamt Augsburg,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans, President ta' l-Awla, J. Klučka, R. Silva de Lapuerta, J. Makarczyk u L. Bay Larsen (Relatur), Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— Għal J. Kretzinger, inizjalment minnu stess, wara minn G. Dannecker, Rechtsanwalt,

— għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, minn A. Dittrich u M. Lumma, bħala aġenti,

— għar-Repubblika Ċeka, minn T. Boček, bħala aġent,

— għar-Renju ta' Spanja, minn M. Muñoz Pérez, bħala aġent,

— għar-Renju ta' l-Olanda, minn H. G. Sevenster u C. A. H. M. ten Dam, bħala aġenti,

— għar-Repubblika ta' l-Awstrija, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għar-Repubblika tal-Polonja, minn T. Nowakowski, bħala aġent,

— għar-Renju ta' l-Iżvezja, minn K. Petkovska, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn W. Bogensberger u S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2006,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen, ta' l-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom (ĠU 2000, L 239, p. 19, aktar 'il quddiem il-"KIFS"), iffirmata fid-19 ta' Ġunju f'Schengen (il-Lussemburgu).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija fil-Ġermanja kontra J. Kretzinger għar-riċettazzjoni u l-pussess ta' merkanzija li fir-rigward tagħha ma tħallasx id-dazju dovut.

## Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt Komunitarju*

3 Skond l-Artikolu 1 tal-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea permezz tat-Trattat ta' Amsterdam (aktar 'il quddiem il-"Protokoll"), tlettax-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, fosthom ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Taljana, huma awtorizzati li, fil-kuntest ġuridiku u istituzzjonali ta' l-Unjoni kif ukoll tat-Trattati UE u KE, jistabbilixxu kooperazzjoni aktar mill-qrib bejniethom fl-ambitu tal-kamp ta' applikazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen, kif iddefinit fl-Anness ta' l-imsemmi protokoll.

4 Il-Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom, iffirmat f'Schengen fl-14 ta' Ġunju 1985 (ĠU 2000, L 239, p. 13, aktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Schengen"), kif ukoll il-KIFS, jiffurmaw parti, *inter alia*, mill-acquis ta' Schengen kif iddefinit.

5 Bis-saħħa ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 2(1) tal-Protokoll, mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, jiġifieri mill-1 ta' Mejju 1999, l-acquis ta' Schengen għandu japplika immedjatament għat-tlettax-il Stat Membru msemmija fl-Artikolu 1 tal-Protokoll.

6 B'applikazzjoni tat-tieni sentenza tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2(1) tal-Protokoll, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adotta, fl-20 ta' Mejju 1999, id-Deċiżjoni 1999/436/KE, li tiddetermina, b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat li jistabbilxxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-bażi legali għal kull waħda mid-dispożizzjonijiet jew deċisjonijiet li jikkostitwixxu l-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, p. 17). Mill-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni, flimkien ma' l-Anness A tagħha, jirriżulta li l-Kunsill identifika l-Artikoli 34 UE u 31 UE, li jagħmlu parti mit-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, intitolat "Dispożizzjonijiet dwar Kooperazzjoni fl-oqsma tal-Pulizija u tal-Ġustizzja f'Materji Kriminali" bħala l-bażi legali ta' l-Artikoli 54 sa 58 tal-KIFS.

7 Skond l-Artikolu 54 tal-KIFS, li jagħmel parti mill-Kapitolu 3, intitolat "Applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*", tat-Titolu III ta' l-imsemmija konvenzjoni, li huwa intitolat "Pulizija u Sigurtà":

"Persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza."

8 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [ċessjoni] bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, p. 1, aktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas") tiddefinixxi, fl-Artikolu 1(1) tagħha, il-mandat ta' arrest Ewropew bħala deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċessjoni minn Stat Membru ieħor ta' persuna mfittxija, għall-iskopijiet, b'mod partikolari, ta' l-eżekuzzjoni ta' sentenza.

9 Fl-Artikolu 3 tagħha, intitolat "Raġunijiet għall-obbligazzjoni li ma jiġix eżegwit mandat ta' arrest Ewropew", id-Deċiżjoni Qafas tipprovdi:

"L-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru ta' l-eżekuzzjoni [...] għandha tiċħad li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew fil-każijiet li ġejjin:

1) [...]

2) jekk l-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi hi informata li l-persuna rikjesta [mfittxija] ġiet finalment ġudikata minn Stat Membru fir-rigward ta' l-istess [azzjonijiet bil-kundizzjoni] li, fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ġiet [infurzata] jew qed tiġi [infurzata] bħalissa jew ma tistax tiġi eżegwita iżjed taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li jagħti s-sentenza;

[...]"

10 L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas, intitolat "Garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru [li joħroġ il-mandat] f'każijiet partikolari", jipprovdi:

"L-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew mill-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi tista', mil-liġi ta' l-Istat Membru li jeżegwixxi, [tkun] suġġett[a] għal[ waħda mil]l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1) fejn il-mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ għall-iskopijiet ta' l-eżekuzzjoni ta' sentenza [...] imposta minn deċiżjoni mogħtija *in absentia* u jekk il-persuna in kwistjoni ma ġietx imsejħa *in persona* jew b'mod ieħor informata bid-data u l-post tas-seduta li wasslet għad-deċiżjoni mogħtija *in absentia*, iċ-ċediment jista' jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat tagħti assigurazzjoni kkunsidrata xierqa sabiex tiggarantixxi lil persuna suġġetta għall-mandat ta' arrest Ewropew li jkollha opportunità sabiex tapplika għal proċess ieħor tal-każ fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat u li tkun preżenti għas-sentenza;

[...]"

11 Mill-informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ta' l-1 ta' Mejju 1999 (ĠU L 114, p. 56), jirriżulta li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għamlet dikjarazzjoni, bis-saħħa ta' l-Artikolu 35(2) UE, li permezz tagħha hija aċċettat il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi skond il-proċeduri previsti fl-Artikolu 35(3)(b) UE.

*Id-dritt nazzjonali*

12 Skond l-Artikolu 374 tal-Kodiċi tat-Taxxa Ġermaniż (Abgabenordnung), persuna tista' tiġi kkundannata talli ma tkunx ħallset id-dazju doganali li kellu jitħallas fuq l-importazzjoni ta' merkanzija fi Stat Membru ieħor minbarra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-mument ta' l-importazzjoni illegali f'dak l-Istat Membru l-ieħor.

13 Sabiex tikkonforma ruħha mad-dispożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja adottat, wara sentenza tal-Bundesverfassungsgericht tat-18 ta' Lulju 2005 li annullat l-ewwel liġi ta' traspożizzjoni Ġermaniża, il-Liġi dwar il-mandat ta' arrest Ewropew (Europäisches Haftbefehlsgesetz), ta' l-20 ta' Lulju 2006 (BGBl. 2006 I, p. 1721).

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 F'żewġ okkażjonijiet, f'Mejju 1999 u f'April 2000, J. Kretzinger ittrasporta permezz ta' trakk, mill-Greċja lejn ir-Renju Unit billi għadda mill-Italja u mill-Ġermanja, sigaretti li kienu ġejjin minn pajjiżi li mhumiex membri ta' l-Unjoni Ewropea u li kienu ddaħħlu qabel bil-kuntrabandu fil-Greċja minn terzi persuni. Is-sigaretti ma ġew iddikjarati fl-ebda dwana.

15 Matul l-ewwel vjaġġ, it-trakk kien qiegħed iġorr tagħbija ta' 34 500 kartuna sigaretti li ġew maqbuda fl-Italja mill-Guardia di Finanza (pulizija fiskali) fit-3 ta' Mejju 1999. Wara li ġie interrogat, J. Kretzinger inħeles fl-4 ta' Mejju 1999.

16 Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Frar 2001, il-Corte d'Appello di Venezia (l-Italja), filwaqt li laqgħet l-appell imressaq mill-Prosekutur Pubbliku kontra d-deċiżjoni ta' liberazzjoni mill-akkuża fl-ewwel istanza, ikkundannat *in absentia* lil J. Kretzinger għal piena sospiża ta' priġunerija ta' sena u tmien xhur. Hija sabitu ħati tar-reat ta' importazzjoni u ta' pussess fl-Italja ta' 6 900 kilogramma ta' tabakk barrani bil-kuntrabandu, kif ukoll għal reat ta' evażjoni ta' dazji doganali dovuti fir-rigward ta' dan it-tabakk. Taħt il-liġi Taljana, din is-sentenza saret *res judicata*. Il-piena ġiet irreġistrata fil-kondotta ta' J. Kretzinger.

17 Matul it-tieni vjaġġ, it-trakk kien qiegħed iġorr tagħbija ta' 14 927 kartuna sigaretti bil-kuntrabandu. J. Kretzinger, fit-12 ta' April 2000, reġa' twaqqaf mill-Guardia di Finanza. Huwa nżamm għal perijodu qasir fil-kustodja tal-pulizija u/jew f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess fl-Italja u wara rritorna lejn il-Ġermanja.

18 B'sentenza tal-25 ta' Jannar 2001, it-Tribunale di Ancona kkundannah, għal darb'oħra *in absentia* u b'applikazzjoni ta' l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi Taljana, għal piena ta' priġunerija ta' sentejn mingħajr sospensjoni. Il-piena ta' priġunerija, li ma ġiex infurzata, ġiet irreġistrata wkoll fil-kondotta ta' J. Kretzinger.

19 Il-qorti tar-rinviju tosserva li, minkejja diversi tentattivi sabiex jiġu kkjarifikati dawn is-sentenzi, ma kienx possibbli għaliha tistabbilixxi b'ċertezza għal-liema dazji doganali l-imsemmija sentenzi kienu japplikaw preċiżament u, b'mod partikolari, jekk għall-inqas waħda minnhom kinitx ingħatat abbażi ta' akkużi ta' frodi tad-dwana jew tikkundannax lis-Sur Kretzinger fuq akkużi ta' dan it-tip.

20 B'għarfien ta' dawn is-sentenzi Taljani, il-Langericht Augsburg ikkundannat lis-Sur Kretzinger għal sena u għaxar xhur ħabs għall-ewwel vjaġġ u għal sena ħabs għat-tieni vjaġġ. Il-Landgericht sabet lil J. Kretzinger ħati talli ma ħallasx id-dazji doganali fuq l-importazzjoni li kienu dovuti meta l-merkanzija ġiet importata bil-kuntrabandu fil-Greċja, reat li huwa punit mill-Artrikolu 374 tal-Kodiċi tat-Taxxa.

21 Il-Landgericht Augsburg, filwaqt li indikat li ż-żewġ sentenzi definittivi mogħtija fl-Italja kienu għadhom ma ġewx infurzati, ikkonkludiet li l-Artikolu 54 tal-KIFS ma kienx jammonta għal ostaklu proċedurali. Skondha, minkejja li l-istess żewġ kunsinni ta' sigaretti kienu jiffurmaw il-bażi fattwali taż-żewġ kundanni fl-Italja u tas-sentenzi tagħha stess, dan l-artikolu ma kienx applikabbli.

22 J. Kretzinger appella quddiem il-Bundesgerichtshof, li kellha dubju dwar il-konformità tar-raġunament adottat mil-Landgericht Augsburg ma' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

23 L-ewwel nett, il-Bundesgerichtshof għandha dubju dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' l-"istess azzjonijiet" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

24 It-tieni nett, fir-rigward tal-kunċett ta' "infurzar", il-Bundesgerichtshof, li, *a priori*, hija tal-fehma li piena ta' priġunerija, bħal dik marbuta ma' l-ewwel vjaġġ, li l-eżekuzzjoni tagħha ġiet sospiża, taqa' taħt l-Artikolu 54 tal-KIFS, għandha dubju dwar jekk detenzjoni preventiva pendenti l-proċess hijiex biżżejjed sabiex tipprekludi li jitressqu proċeduri kriminali ulterjuri.

25 Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' l-eżistenza ta' ostaklu proċedurali fil-forma ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, il-Bundesgerichtshof, filwaqt li tosserva li l-awtoritajiet Taljani ma ħadu l-ebda inizjattiva taħt id-Deċiżjoni Qafas sabiex jinfurzaw il-kundanna ta' J. Kretzinger fir-rigward tat-tieni vjaġġ, tixtieq tkun taf jekk id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas humiex rilevanti għall-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu u, jekk huma rilevanti, safejn.

26 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesgerichtshof iddeċiediet li tissospendi l-proċedimenti quddiemha u tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi għal deċiżjoni preliminari li ġejjin:

"1) Hija prosekuzzjoni kriminali ta' 'l-istess azzjonijiet' fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS jekk imputat li jkun ġie kkundannat minn qorti Taljana talli importa bil-kuntrabandu fl-Italja tabakk barrani u talli kien fil-pussess tiegħu hemmhekk, kif ukoll talli naqas milli jħallas id-dazju ta' importazzjoni fuq it-tabakk mal-fruntiera, jiġi sussegwentement ikkundannat minn qorti fil-Ġermanja — b'konnessjoni mal-fatt li kien irċieva l-istess affarijiet fil-Greċja — talli kien parti fl-evażjoni fir-rigward tad-dazju ta' importazzjoni (teknikament) Grieg li kien imponibbli meta l-affarijiet kienu preċedentement importati minn terzi persuni, safejn l-imputat mill-bidu nett kellu l-intenzjoni jittrasporta l-affarijiet lejn ir-Renju Unit mill-Italja, wara li ħa l-konsenja tagħhom fil-Greċja?

2) Piena "ġiet infurzata" jew "tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS

a) jekk l-imputat ikun ingħata sentenza ta' kustodja li l-infurzar tagħha jkun ġie sospiż skond il-liġi ta' l-Istat fejn ingħatat is-sentenza;

b) jekk l-imputat kien inżamm għal ftit żmien fil-kustodja tal-pulizija u/jew miżmum f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess, u din id-detenzjoni tkun tgħodd fir-rigward ta' l-infurzar sussegwenti tal-piena ta' priġunerija taħt il-liġi ta' l-Istat fejn ingħatat is-sentenza?

3) L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' infurzar għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS tiġi affettwata

a) mill-fatt li, wara li saret it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill [...], l-(ewwel) Stat fejn ingħatat is-sentenza jkun f'pożizzjoni li fi kwalunke ħin jinforza s-sentenza tiegħu li skond il-liġi nazzjonali hija finali u li torbot, u

b) mill-fatt li talba għal assistenza ġudizzjarja mill-Istat fejn ingħatat is-sentenza, bil-ħsieb li tiġi estradata l-persuna kkundanata jew li tiġi infurzata s-sentenza f'dak l-Istat, tista' ma tiġix osservata b'mod awtomatiku minħabba li s-sentenza tkun ingħatat *in absentia*?"

**Fuq il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja**

27 Mill-punt 11 ta' din is-sentenza jirriżulta li, f'dan il-każ, abbażi ta' l-Artikolu 35 UE, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS u, safejn hija rilevanti għal din il-kawża, tad-Deċiżjoni Qafas.

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel domanda*

28 Permezz ta' din id-domanda, il-Bundesgerichtshof qiegħda essenzjalment tistaqsi liema huwa l-kriterju rilevanti għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-kunċett ta' l-"istess azzjonijiet" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS u, b'mod aktar partikolari, jekk imġiba illegali li tikkonsisti fir-riċettazzjoni ta' tabakk bil-kuntrabandu fi Stat kontraenti u fl-importazzjoni u fil-pussess ta' l-istess tabakk fi Stat kontraenti ieħor taqax taħt dan il-kunċett safejn l-imputat, li ġie pproċessat f'żewġ Stati kontraenti, mill-bidu nett kellu l-intenzjoni jittrasporta t-tabakk, wara li jirċevih, lejn destinazzjoni finali billi jgħaddi minn diversi Stati kontraenti.

29 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat, minn naħa, fil-punt 36 tas-sentenza tad-9 ta' Marzu 2006, Van Esbroeck (C-436/04, Ġabra p. I-2333), li l-uniku kirterju rilevanti għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS huwa dak ta' l-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta bejniethom u, min-naħa l-oħra, fil-punt 42 ta' l-istess sentenza, li dan il-kriterju japplika irrispettivament mill-kwalifikazzjoni ġuridika ta' l-azzjonijiet jew ta' l-interess ġuridiku protett (ara wkoll is-sentenza tat-28 ta' Settembru 2006, Van Straaten, C-150/05, Ġabra p. I-9327, punti 48 u 53).

30 Minn dan jirriżulta, fl-ewwel lok, li huwa irrilevanti li l-kundanna ta' J. Kretzinger fl-ewwel Stat kontraenti (l-Italja) kienet ibbażata fuq il-fatt li s-sigaretti ma ġewx iddikjarati u/jew il-fatt li ma tħallsux id-dazji doganali dovuti fuq l-importazzjoni f'dan l-Istat, filwaqt li fl-Istat kontraenti l-ieħor (il-Ġermanja) il-kundanna kienet tikkonċerna r-riċettazzjoni inizjali tat-tabakk bil-kuntrabandu fil-Greċja.

31 Fit-tieni lok, il-konstatazzjoni ta' identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta bejniethom, għandha ssir indipendentement mill-interess ġuridiku protett, li jista' jvarja minn Stat kontraenti għall-ieħor.

32 Madankollu, waqt is-seduta, li nżammet wara li ngħatat is-sentenza Van Esbroek, iċċitata aktar 'il fuq, il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern Spanjol sostnew li l-kriterju bbażat fuq l-identiċità tal-fatti materjali għandu jiġi applikat b'mod li l-qrati nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jieħdu in kunsiderazzjoni wkoll l-interess ġuridiku protett fl-evalwazzjoni ta' ġabra ta' ċirkustanzi konkreti.

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet kriminali nazzjonali, kunsiderazzjonijiet ibbażati fuq l-interess ġuridiku protett ikunu ta' natura li joħolqu l-istess numru ta' ostakli għall-moviment liberu fiż-żona Schengen daqs kemm jeżistu sistemi kriminali fl-Istati kontraenti (ara s-sentenza Van Esbroeck, iċċitata aktar 'il fuq, punt 35).

34 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonfermat li l-qrati nazzjonali kompetenti, li jsibu ruħhom f'pożizzjoni fejn ikollhom jiddeċiedu jekk il-fatti materjali humiex identiċi, għandhom jeżaminaw biss jekk dawn jikkostitwixxux ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju u permezz tas-suġġett tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Van Esbroeck, iċċitata aktar 'il fuq, punt 38), mingħajr ma jiġu kkunsidrati bħala rilevanti kunsiderazzjonijiet ibbażati fuq l-interess ġuridiku protett.

35 B'mod aktar partikolari, fir-rigward ta' sitwazzjoni bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-azzjonijiet punibbli li jikkonsistu fl-esportazzjoni u fl-importazzjoni ta' l-istess merkanzija illegali u pproċessati f'diversi Stati li huma parti fil-KIFS jikkostitwixxu mġiba li tista'

taqa' taħt il-kunċett ta' l-"istess azzjonijiet" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Van Esbroeck, iċċitata aktar 'il fuq, punt 42; Van Straaten, iċċitata aktar 'il fuq, punt 51, u tat-28 ta' Settembru 2006, Gasparini *et*, C-467/04, Ġabra p. I-9199, punt 57).

36 It-trasport ta' sigaretti bil-kuntrabandu bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali li jimplika l-qsim suċċessiv ta' fruntieri interni fiż-żona Schengen jista', għaldaqstant, jikkostitwixxi ġabra ta' azzjonijiet li jaqgħu taħt il-kunċett ta' l-"istess azzjonijiet". Madankollu, huma l-qrati nazzjonali kompetenti li għandhom jagħmlu evalwazzjoni definittiva f'dan ir-rigward u li għandhom jiddeterminaw jekk il-fatti materjali in kwistjoni jikkostitwixxux ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll permezz tas-suġġett tagħhom.

37 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 54 tal-KIFS għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— il-kriterju rilevanti għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu huwa l-kriterju ta' l-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta bejniethom, irrispettivament mill-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn l-azzjonijiet jew mill-interess ġuridiku protett;

— azzjonijiet li jikkonsistu fir-riċettazzjoni ta' tabakk bil-kuntrabandu barrani fi Stat kontraenti u fl-importazzjoni u l-pussess ta' l-istess tabakk fi Stat kontraenti ieħor, ikkaratterizzati mill-fatt li l-imputat, li ġie pproċessat f'żewġ Stati kontraenti, kellu mill-bidu nett l-intenzjoni li jittrasporta t-tabakk, wara li rċevih inizjalment, lejn destinazzjoni finali billi jgħaddi minn diversi Stati kontraenti, jikkostitwixxu mġiba li tista' taqa' taħt il-kunċett ta' l-"istess azzjonijiet" fis-sens ta' l-imsemmi Artikolu 54. Huma l-qrati nazzjonali kompetenti li għandhom jagħmlu l-evlawazzjoni definittiva f'dan ir-rigward.

*Fuq l-ewwel parti tat-tieni domanda*

38 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk, fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, hemmx lok li jiġi kkunsidrat li l-piena mogħtija minn qorti ta' Stat kontraenti "ġiet infurzata" jew hija "fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" meta l-imputat ikun ġie kkundannat, skond il-liġi ta' l-imsemmi Stat kontraenti, għal piena sospiża ta' priġunerija.

39 Fl-ewwel lok, għandu jiġi mfakkar li, skond l-Artikolu 54 tal-KIFS, il-projbizzjoni ta' proċeduri kriminali ulterjuri għall-istess azzjonijiet tapplika biss, fil-każ ta' kundanna bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-kundizzjoni li l-piena "tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza" (aktar 'il quddiem il-"kundizzjoni ta' infurzar").

40 Fit-tieni lok, għandu jiġi enfasizzat, kif għamlet l-Avukat Ġenerali fil-punti 44 u 45 tal-Konklużjonijiet tagħha, li l-possibbiltà li l-qorti nazzjonali tissospendi l-eżekuzzjoni ta' sentenza jekk il-kundizzjonijiet legali jkunu sodisfatti hija rrikonoxxuta fis-sistemi kriminali ta' l-Istati kontraenti.

41 J. Kretzinger, il-Gvernijiet li ressqu osservazzjonijiet f'din il-kawża, kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej jaqblu li persuna kkundannata għal piena ta' priġunerija li l-eżekuzzjoni tagħha ġiet sospiża għandha titqies li ġiet ipproċessata, instabet ħatja u ġiet ikkundannata, bil-konsegwenzi korrispondenti kollha attribwiti mis-sistema legali kkonċernata.

42 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li piena sospiża ta' priġunerija, in kwantu tippenalizza l-imġiba illegali ta' persuna kkundannata, tikkostitwixxi sanzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. L-imsemmija piena għandha titqies li hija "fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" malli l-kundanna tkun saret eżegwibbli u matul il-perijodu ta' sospensjoni. Meta jintemm il-perijodu ta' sospensjoni, imbagħad, il-piena għandha titqies li "tkun ġiet infurzata" fis-sens ta' din l-istess dispożizzjoni.

43 Din l-interpretazzjoni, fis-sens li piena sospiża ta' priġunerija tissodisfa wkoll il-kundizzjoni ta' infurzar, hija kkorroborata, kif enfasizzaw b'mod partikolari l-Gvern Ċek u l-Kummissjoni, mill-fatt li jkun inkoerenti, minn naħa, li kull detenzjoni effettivament subita tiġi kkunsidrata bħala infurzar fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS u, min-naħa l-oħra, li jiġi eskluż li l-pieni sospiżi, li normalment jingħataw għal reati anqas serji, jistgħu jissodisfaw il-kundizzjoni ta' infurzar li tinsab fl-imsemmi artikolu u b'hekk jippermettu proċeduri kriminali ġodda.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għall-ewwel parti tat-tieni domanda għandha tkun li, fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, il-penali mogħtija minn qorti ta' Stat kontraenti "tkun ġiet infurzata" jew "tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" meta l-imputat ikun ġie kkundannat, skond il-liġi ta' l-imsemmi Stat kontraenti, għal piena ta' priġunerija li l-eżekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża.

*Fuq it-tieni parti tat-tieni domanda*

45 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk, fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, is-sanzjoni mogħtija minn qorti ta' Stat kontraenti għandhiex titqies li "ġiet infurzata" jew li hija "fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" meta l-imputat ikun inżamm għal perijodu qasir fil-kustodja tal-pulizija u/jew

inżamm f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess u meta, skond il-liġi ta' l-Istat fejn ġie kkundannat, din id-detenzjoni għandha tittieħed in kunsiderazzjoni għall-finijiet ta' l-eżekuzzjoni sussegwenti tal-piena ta' priġunerija.

46 F'dan ir-rigward, għandu jiġi eżaminat jekk, f'sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet l-oħra imposti fl-Artikolu 54 tal-KIFS ikunu ssodisfati, perijodu qasir ta' detenzjoni, bħal perijodu fil-kustodja tal-pulizija u/jew perijodu ta' detenzjoni preventiva pendenti l-proċess, skontat qabel ma l-kundanna fl-ewwel Stat kontraenti tkun kisbet il-forza ta' *res judicata* u li t-tul tiegħu għandu jitnaqqas minn dik tal-piena mogħtija definittivament, jistax ikollu l-effett li jissodisfa minn qabel il-kundizzjoni ta' infurzar u b'hekk jeskludi proċeduri kriminali ġodda fi Stat kontraenti ieħor.

47 Matul is-seduta, J. Kretzinger sostna b'mod partikolari li, b'mod ġenerali, f'każ bħal dak in kwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-Istat kontraenti fejn ingħatat is-sentenza ma infurzax piena ta' priġunerija li kienet eżegwibbli mingħajr ma jeżistu raġunijiet ġuridiċi li jipprekludu dan l-infurzar, il-kundizzjoni ta' infurzar ma baqgħatx applikabbli wara li l-acquis ta' Schengen ġie integrat fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea.

48 Għall-kuntrarju, is-seba' Gvernijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll il-Kummissjoni, sostnew li l-perijodi fil-kustodja tal-pulizija u ta' detenzjoni preventiva pendenti l-proċess m'għandhomx jiġu awtomatikament ikkunsidrati bħala sanzjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

49 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li mid-diċitura ta' dan l-istess artikolu jirriżulta li dan l-artikolu ma jistax japplika qabel ma l-"każ [tal-persuna in kwistjoni] jkun

inqata' b'mod finali". Issa, għandu jiġi kkonstatat li, fi proċeduri legali, il-kustodja tal-pulizija u d-detenzjoni preventiva pendenti l-proċess jinsabu qabel ma tingħata s-sentenza finali.

50 Minn dan jirriżulta, kif tosserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 59 tal-Konklużjonijiet tagħha, li l-Artikolu 54 tal-KIFS ma jistax japplika għal tali perijodi ta' detenzjoni, anki jekk dawn għandhom, skond il-liġi nazzjonali, jittieħdu in kunsiderazzjoni għall-finijiet ta' l-eżekuzzjoni sussegwenti ta' eventwali piena ta' priġunerija.

51 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata, kif osservaw il-Gvern Ġermaniż, il-Gvern Spanjol, il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni, mill-fatt li l-iskop ta' detenzjoni preventiva pendenti l-proċess huwa ferm differenti minn dak tal-kundizzjoni ta' infurzar prevista fl-Artikolu 54 tal-KIFS. Fil-fatt, filwaqt li l-iskop ta' l-ewwel waħda huwa pjuttost wieħed ta' prevenzjoni, dak tat-tieni waħda huwa li jiġi evitat li persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali fi Stat kontraenti ma tkunx tista' tiġi pproċessata għall-istess azzjonijiet u b'hekk tibqa' impunita meta l-ewwel Stat fejn ingħatat is-sentenza ma jkunx eżegwixxa l-piena mogħtija.

52 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni parti tat-tieni domanda għandha tkun li, fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, is-sanzjoni mogħtija minn qorti ta' Stat kontraenti m'għandhiex titqies li "ġiet infurzata" jew li hija "fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" meta l-imputat ikun, għal perijodu qasir, inżamm fil-kustodja tal-pulizija u/jew inżamm f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess u meta, skond il-liġi ta' l-Istat fejn ingħatat is-sentenza, din id-detenzjoni għandha tittieħed in kunsiderazzjoni għall-finijiet ta' l-eżekuzzjoni sussegwenti tal-piena ta' priġunerija.

*Fuq it-tielet domanda*

53 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk, u safejn, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas huma rilevanti fil-konfront ta' l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "infurzar" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

54 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi speċifikat, preliminarjament, li, peress li d-Deċiżjoni Qafas ġiet trasposta fil-Ġermanja b'effett mit-2 ta' Awwissu 2006, l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew reġgħet saret possibbli u għalhekk ma jistax jiġi eskluż *a priori* li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas jistgħu jkunu rilevanti fil-kawża prinċipali.

55 Barra minn hekk, mill-Artikolu 32 tagħha jirriżulta li d-Deċiżjoni Qafas tapplika għal talbiet dwar azzjonijiet li, bħal dawk fil-kawża prinċipali, twettqu qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-deċiżjoni, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2004, bil-kundizzjoni li l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni ma jkunx għamel dikjarazzjoni fejn jindika li huwa ser ikompli jittratta dawn it-talbiet skond is-sistema ta' estradizzjoni applikabbli qabel din id-data. Jidher li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja m'għamlitx tali dikjarazzjoni.

Fuq l-ewwel parti tat-tielet domanda

56 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-fatt li Stat Membru jista', taħt id-Deċiżjoni Qafas, joħroġ mandat ta' arrest Ewropew bil-għan li tiġi arrestata persuna li kienet is-suġġett ta' sentenza definittiva li sabitha ħatja taħt il-liġi nazzjonali u bil-għan li din is-sentenza tiġi eżegwita għandux rilevanza fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "infurzar" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

57 Matul is-seduta, J. Kretzinger sostna li l-possibbiltà legali li d-Deċiżjoni Qafas tagħti lill-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza sabiex joħroġ mandat ta' arrest Ewropew bil-għan li tiġi eżegwita sentenza li tkun saret definittiva għandha l-konsegwenza li l-kundizzjoni ta' infurzar għandha titqies li hija ssodisfatta u għalhekk il-qrati kompetenti fil-Ġermanja ma jistgħux jipproċessawh aktar.

58 Għall-kuntrarju, is-seba' Gvernijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub u l-Kummissjoni huma tal-fehma li d-Deċiżjoni Qafas bl-ebda mod ma tinfluwenza l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS u jikkontestaw li s-sempliċi possibbiltà li għandu l-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza li joħroġ mandat ta' arrest Ewropew tista', minnha nfisha, tkun biżżejjed sabiex tiġi sodisfatta l-kundizzjoni ta' infurzar li teżiġi li s-sanzjoni għandhom ikunu ġew effettivament infurzati.

59 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS proposta minn J. Kretzinger tmur kontra d-diċitura stess ta' din id-dispożizzjoni li, apparti l-eżistenza ta' sentenza definittiva għall-istess azzjonijiet, teżiġi espliċitament li tkun issodisfatta wkoll il-kundizzjoni ta' eżekuzzjoni.

60 Mid-definizzjoni tagħha, din il-kundizzjoni ta' infurzar ma tistax tkun issodisfatta meta, bħal fil-każ fil-kawża prinċipali, jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew, wara sentenza ta' kundanna fi Stat Membru, preċiżament sabiex tkun assigurata l-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija li tkun għadha ma ġietx infurzata fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

61 Din il-konstatazzjoni hija kkonfermata mid-Deċiżjoni Qafas stess li, fl-Artikolu 3(2) tagħha, tobbliga lill-Istat Membru, fejn tintalab l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, li jirrifjuta li jeżegwixxih meta, mill-informazzjoni li jkollha l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni jirriżulta li l-persuna mfittxija kienet is-suġġett ta' sentenza definittiva għall-istess azzjonijiet fi Stat Membru u meta, fil-każ li tkun ġiet ikkundannata, il-kundizzjoni ta' infurzar hija ssodisfatta.

62 Barra minn hekk, kif osservaw il-Gvern Spanjol, il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni, din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mill-fatt li l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS ma tistax tiddependi mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas mingħajr ma tinħoloq inċertezza legali li tirriżulta, minn naħa, mill-fatt li l-Istati Membri marbuta mid-Deċiżjoni Qafas mhumiex marbuta kollha mill-KIFS li, barra minn hekk, tapplika għal ċerti Stati terzi u, min-naħa l-oħra, mill-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew huwa limitat, li mhuwiex il-każ għall-Artikolu 54 tal-KIFS li japplika għar-reati kollha puniti fl-Istat li aderixxew ma' din il-Konvenzjoni.

63 Għalhekk, il-fatt li piena ta' priġunerija definittiva tista', eventwalment, tiġi infurzata fl-Istat fejn ingħatat is-sentenza wara ċ-ċessjoni tal-persuna kkundannata minn Stat ieħor, ma jistax jaffettwa l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "infurzar" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

64 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel parti tat-tielet domanda hija li l-fatt li Stat Membru fejn persuna kienet is-suġġett ta' sentenza ta' kundanna definittiva taħt id-dritt nazzjonali jista', taħt id-Deċiżjoni Qafas, joħroġ mandat ta' arrest Ewropew bil-għan li din il-persuna tiġi arrestata sabiex tiġi infurzata din is-sentenza, ma jistax ikollu impatt fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "infurzar" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

Fuq it-tieni parti tat-tielet domanda

65 Permezz tat-tieni parti tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk, fis-sistema stabbilita mill-punt 1 ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas, il-fatt li l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni mhuwiex awtomatikament

marbut li jeżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ sabiex tiġi eżegwita sentenza mogħtija *in absentia* għandux impatt fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "infurzar" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

66 F'dan ir-rigward għandu jiġi kkonstatat, kif jirriżulta mill-punti 59 sa 64 ta' din is-sentenza, li l-possibbiltà ta' Stat Membru li joħroġ mandat ta' arrest Ewropew m'għandhiex impatt fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "infurzar" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. Issa, kif osservaw ġustament il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni, f'ċirkustanzi bħal dawk deskritti fil-kawża prinċipali, il-fatt li s-sentenza invokata in sostenn tal-mandat ta' arrest Ewropew kienet ingħatat *in absentia*, mhuwiex ta' natura li jdgħajjef din il-konstatazzjoni.

67 Minn dan isegwi li, f'din il-kawża, mhuwiex meħtieġ li tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk sentenza mogħtija *in absentia*, li l-eżegwibbiltà tagħha tista' tkun suġġetta għal kundizzjonijiet skond il-punt 1 ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas, għandhiex titqies li hija deċiżjoni li permezz tagħha l-"każ [tal-persuna in kwistjoni] jkun inqata' b'mod finali" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

68 Għaldaqstant, m'hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni parti tat-tielet domanda.

**Fuq l-ispejjeż**

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen, ta' l-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubbliku Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata fid-19 ta' Ġunju f'Schengen, għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**— il-kriterju rilevanti għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu huwa l-kriterju ta' l-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta bejniethom, irrispettivament mill-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn l-azzjonijiet jew mill-interess ġuridiku protett;**

**— azzjonijiet li jikkonsistu fir-riċettazzjoni ta' tabakk bil-kuntrabandu barrani fi Stat kontraenti u fl-importazzjoni u l-pussess ta' l-istess tabakk fi Stat kontraenti ieħor, ikkaratterizzati mill-fatt li l-imputat, li ġie pproċessat f'żewġ Stati kontraenti, kellu mill-bidu nett l-intenzjoni li jittrasporta t-tabakk, wara li rċevih inizjalment, lejn destinazzjoni finali billi jgħaddi minn diversi Stati kontraenti, jikkostitwixxu mġiba li tista' taqa' taħt il-kunċett ta' l-"istess azzjonijiet" fis-sens ta' l-imsemmi Artikolu 54. Huma l-qrati nazzjonali kompetenti li għandhom jagħmlu l-evlawazzjoni definittiva f'dan ir-rigward.**

**2) Fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen, is-sanzjoni mogħtija minn qorti ta' Stat kontraenti "tkun ġiet**

**infurzata" jew "tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" meta l-imputat ikun ġie kkundannat, skond il-liġi ta' l-imsemmi Stat kontraenti, għal piena ta' priġunerija li l-eżekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża.**

3) **Fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen, is-sanzjoni mogħtija minn qorti ta' Stat kontraenti m'għandhiex titqies li "ġiet infurzata" jew li hija "fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" meta l-imputat ikun, għal perijodu qasir, inżamm fil-kustodja tal-pulizija u/jew inżamm f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess u meta, skond il-liġi ta' l-Istat fejn ingħatat is-sentenza, din id-detenzjoni għandha tittieħed in kunsiderazzjoni għall-finijiet ta' l-eżekuzzjoni sussegwenti tal-piena ta' priġunerija.**

4) **Il-fatt li Stat Membru fejn persuna kienet is-suġġett ta' sentenza ta' kundanna definittiva taħt id-dritt nazzjonali jista', taħt id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċessjoni bejn l-Istati Membri, joħroġ mandat ta' arrest Ewropew bil-għan li din il-persuna tiġi arrestata sabiex tiġi infurzata din is-sentenza, ma jistax ikollu impatt fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "infurzar" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen.**

Firem